FONTANA

Minuti tas-seba` laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 30 ta` Settembru 2008 fit-3.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Assenti:** | Is-Sur Lorry Apap |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**Korrispondenza**

Il-Fondazzjoni OASI bagħtet korrispondenza dwar l-avveniment 'Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2008'. Il-Fondazzjoni ħeġġet lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna/i għal dan il-premju.
Il-Komunita` Agostinjana ta` Ħal Tarxien talbet lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna għall-Premju San Nikola minn Tolentino. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi nnominat Chris Galea tax-xogħol siewi volontarju li jwettaq. Il-Kunsill qabel.
L-OS3 bagħtet tinforma illi l-Kunsill qiegħed iħallas għal 20 meg tal-*web space* u bħalissa l-ispazju fil-*Website* huwa 28 meg. Il-Kunsill qabel illi jżid l-ispazju u jħallas id-differenza.
Mro. Joseph Grech id-Direttur Mużikali ta` *"The Gozo Youth wind band & orchestra"* kiteb lill-Kunsill fejn talbu jħallas parti mill-ispejjeż tax-xiri tal-mużika għall-orkestra. Min-naħa tal-orkestra offrew żewġ servizzi f`Jum il-Lokalita` fis-sentejn li ġejjin. Il-Kunsill qabel.
L-Enġinier Joseph Bajada mit-Taqsima Indafa Pubblika talab sabiex ħaddiem tal-Kunsill jagħmel ix-xogħol ta` knis peress li l-ħaddiem tagħhom wasal biex jispiċċa mis-servizz u m`għandhomx *replacement*. Is-Sindku qal illi Triq tal-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan huma toroq arterjali għalhekk huma responsabilita` ta` dan id-Dipartiment. Huwa kompla jgħid li ż-żewġ ħaddiema qed jiġu utilizzati fuq ix-xogħolijiet li hu responsabbli minnhom il-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li bħalissa jħalli l-affarijiet kif inhuma.
Is-Sur David Soler, Uffiċċjal Awtorizzat, kiteb lill-Kunsill dwar il-kampanja favur l-ambjent. Il-Kunsill ġie mitlub jagħti d-dettalji ta` fejn hemm oġġetti abbandunati f`postijiet pubbliċi u li s-sidien tagħhom m`humiex magħrufa. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bagħtu d-dettalji mitluba.
Is-Segretarjat Parlamentari ta` l-Onor. Chris Said ser jorganizza laqgħa dwar l-*Aalborg Charter* nhar is-Sibt 4 t`Ottubru 2008 fil-*Grand Hotel* f`Għajnsielem. Il-Kunsill qabel illi

jkun firmatorju ta` l-*Aalborg Charter*. Għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai.

Is-Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza dwar il-Kors tal-U3E f`Għawdex 2008-2009. Bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jisponsorja żewġ anzjani mil-lokal li qatt ma kellhom l-okkażjoni jattendu l-Universita` tat-Tielet Eta` għal dan il-kors. Is-Sindku qal illi jekk ikun hemm persuni ġodda l-Kunsill jista` jisponsorjahom. Il-Kunsill qabel.

L-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta bagħtet korrispondenza dwar ir-*road hump* fi Triq tal-Għajn. L-Awtorita` approvat li din issir. Il-Kunsill qabel illi jordna *road-hump* tar-*rubber* mingħand Mario Mallia u titwaħħal mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Dwar l-applikazzjoni għall-permess sabiex titkompla t-tieni parti tal-passaġġ f`Wied Siekel il-MEPA talbet ħlas addizzjonali ta` €128.12. Il-Kunsill qabel illi jħallas dan l-ammont lill-MEPA.

Il-MEPA kitbet lill-Kunsill dwar il-garanzija ta` l-applikazzjoni nru. 00966/06 ta` l-aħħar parti ta` Triq Għajn Tuta illi ser tiskadi fit-8 t`Ottubru 2008. Il-Kunsill qabel illi jġedded din il-garanzija.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar il-*Website* għall-Kunsilli Lokali. Il-membri tal-Kunsill qablu li tingħata l-informazzjoni meħtieġa lid-Dipartiment.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar it-taħriġ li ser isir għall-Kunsillieri li ġew eletti f`Marzu 2008. Peress li dan it-taħriġ ser isir f`Malta l-Kunsill qabel illi nitolbu lid-Direttur sabiex dan it-taħriġ isir f`Għawdex.

Id-Dipartiment bagħat ukoll PQ 2233 dwar id-dħul mill-LES. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

Is-Sur Lawrence Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja t`ittra li bagħat lil Ms. Simone Mousu biex jitħaffef il-proċess tad-devoluzzjoni dwar l-188/189 u l-190/191 fi Triq tal-Għajn.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab id-dettalji tal-membri tal-Kunsill għall-*Website* li qed tinbena. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat din l-informazzjoni.

Id-Direttur bagħat kopja t`ittra li ntbagħtet lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-ħatra bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Għajnsielem għall-perjodu ta` 90 jum. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija ser tieħu l-*Vacation Leave* sabiex tmur tagħmel dan ix-xogħol.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet informazzjoni lill-Kunsill dwar 'Jum il-Lokal'. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet korrispondenzi bis-suġġett '*Transport Campaign*' u 'Ftehim mal-MEPA dwar il-*Green Wardens*'.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza laqgħa għall-Kunsillieri ta` Malta u Għawdex nhar is-Sibt, 18 t`Ottubru 2008 f`Dar il-Mediteran, Valletta.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 17/2008 dwar Att vandalu fuq il-vettura tas-Sindku tal-Birgu, is-Sur John Boxall.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 19/2008 dwar '*GAL National Rural Development Agency holds its first General Assembly*'.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 20/2008 dwar '*Regions contribute to making Europe safer and creating jobs*'.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 21/2008 dwar '*GAL National Rural Development Agency*'.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 22/2008 dwar Att vandalu fuq ir-residenza tas-Sinjura Charmaine Gerada, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali Isla kif ukoll fir-residenza tal-ġenituri tagħha.
Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 23/2008 dwar "Naħdmu biex ngħelbu 'theddid u riskji' ġodda li qed jattakkaw il-fibra tas-soċjeta` tagħna" – Claudette Abela Baldacchino Membru Kumitat tar-Reġjuni.
Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 25/2008 dwar Diskors minn Dr. Ian Micallef.
Inqrat Ċirkulari AKL 72/2008 dwar l-aħbar tal-mewt ta` Chev. Charles Sciberras O.S.J., ex-Sindku ta` San Ġiljan.
Inqrat Ċirkulari AKL 73/2008 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Michelina Agius, omm is-Sur Paul Agius, Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Mosta.
Inqrat Ċirkulari AKL 74/2008 dwar *Information Meetings*.
Inqrat Memo 21/2008 dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 2253. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.
Inqrat Memo 22/2008 dwar Aċċessibilita` fil-Bini tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.
Inqrat Memo 23/2008 dwar Ħatriet ġodda ta` Segretarji Eżekuttivi mal-Kunsilli Lokali.
Inqrat Memo 24/2008 dwar Informazzjoni dwar vetturi u oġġetti tal-ħadid mitluqa fil-lokalita`. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.
Inqrat Memo 25/2008 dwar *Policy* ġdida dwar Siti miftuħa.
Inqrat Memo 26/2008 dwar *Policy* dwar Pubblikazzjoni ta` *Tenders* fil-Gazzetti.
Inqrat Memo 27/2008 dwar Servizzi Klerikali.

**Mistoqsijiet**
Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

**Il-Kuntratt tal-Ġbir ta` Skart Domestiku u Kummerċjali**
Is-Sindku qal illi dwar il-kuntratt tal-ġbir ta` skart domestiku u kummerċjali li kien ser jagħlaq fil-11 ta` Settembru 2008 id-Direttur wieġeb illi sakemm joħroġ il-kuntratt il-ġdid, li qed iħejji d-Dipartiment, il-Kunsill għandu jġedded il-kuntratt eżistenti bil-kundizzjonijiet preżenti għal xahar u wara jintalab sabiex jiġġedded għal xahar ieħor. Dwar il-kwistjoni ta` l-allokazzjoni l-Kunsill baqa` mingħajr risposta. Il-Kunsill qabel illi jġedded dan il-kuntratt kull xahar. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-iskart separat jibda jinġabar kull nhar ta` Tlieta wara nofsinhar u dakinhar l-iskart l-ieħor ma jinġabarx. Dan it-tnaqqis jista` jsir peress li l-ġbir ta` l-iskart domestiku naqas għaliex ir-residenti qed jagħmlu użu mill-*bring-in-sites* u l-ġabra ta` l-iskart separat li ssir darba fil-ġimgħa. B`hekk jiġu ffrankati €52.55,0 fil-ġimgħa. Għandu jintbagħat avviż lir-residenti sabiex ikunu jafu b`din il-bidla.

**Proġett Ċentru Ċiviku – it-tieni fażi**
Is-Sindku ppreżenta pjanta tal-garaxxijiet li saret mill-Perit Attard Montalto. Is-Sindku qal illi din il-pjanta trid titkabbar biex il-garaxxijiet jiġu akbar, u wara ssir l-applikazzjoni lill-MEPA. Il-Kunsill qabel.

**Jum il-Fontana – 1 ta` Diċembru 2008**

Is-Sindku qal illi fadal xahrejn għal 'Jum il-Fontana' u tajjeb illi naħsbu x`jista` jsir. Il-Kunsill qabel illi jsir programm fuq diversi ġranet bħal tas-sena l-oħra iżda din is-sena l-attivita` ssir fis-Sala tal-Komunita` u mhux fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill qabel ukoll illi jsiru l-kompetizzjoniet tal-pittura u komponiment. Ġew diskussi s-suġġetti għal dawn il-kompetizzjonijiet. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandu jintbagħat avviż lir-residenti kollha sabiex ikunu nfurmati b`dawn il-kompetizzjonijiet. Is-Sindku ssuġġerixxa illi ssir wirja t`artiġjanat maħdum fil-Fontana. Din tista` ssir fis-Sala tal-Komunita`. Il-Kunsill qabel. Għandu jintbagħat avviż għal dan il-għan.

**Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | | € 32.20,0 |
| *Melita Trains* | | € 56.00,0 |
| Saviour Borg | | € 330.54,0 |
| Josianne Cassar | | € 1,395.76,0 |
| *Commissioner of Inland Revenue* | | € 721.40,0 |
| *Petty Cash* | | € 89.53,0 |
| *MEPA* | | € 128.12,0 |
| *Homestar Furniture Ltd.* | | € 4425.00,0 * |
| Joe Cassar | | € 184.02,0 |
| *Cassar Pet & Hobby* | | € 124.12,0 |
| | Total | € 7486.69,0 |

* Il-Kunsill qabel illi jħallas il-kont ta` *Homestar Furniture* għar-raġuni li l-kont ġie rivedut u mnaqqas b`€1215.40,0. Dan wara li ġie kkuntattjat mill-Kunsillier Lorry Apap li kien imqabbad mill-Kunsill.

**Ilmenti/Suġġerimenti**

Il-Kunsillier Victor Cefai ssuġġerixxa li din is-sena t-tilqima ta` l-influwenza tingħata lir-residenti fil-*multi-purpose room*. Huwa lest li jiġi volontarjament pero` lin-*Nursing Officer* irid iħallsu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel u għandu jintbagħat avviż lir-residenti kollha.

Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa tistax issir mera dwar l-ilment ta` Jason Attard. Is-Sindku qal illi trid permess ta` l-A.D.T. u l-permess tas-sid tal-proprjeta`. Il-Kunsill qabel illi jitlob permess ta` l-A.D.T. u nistaqsu lis-sid.

**Materji oħra**

Il-Kunsill qabel illi jerġa` jġedded żewġ kuntratti li għandu mad-Dipartiment tad-Distretti. Dawn huma dak tal-*'Maintenance of Traffic Signs and Road Markings*` u dak ta` l-*'Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only*'.

Dwar is-siġġijiet għas-Sala tal-Komunita` l-Kunsill qabel illi jiġbor *quotations* mingħand diversi kumpaniji.

Saret laqgħa mas-Sur Paul Curmi dwar l-opportunitajiet li jeżistu t`akkwist ta` fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Curmi aċċetta li meta jkun hemm applikazzjonijiet li jkunu t`interess għall-lokalita` tal-Fontana jinforma lill-Kunsill bihom u jekk ikun interessat jgħin fil-mili ta` l-applikazzjoni. Kienu preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel illi jiffirma il-kuntratt mal-*Go* dwar ir-rati tat-*telephones* tal-Kunsill u l-*mobiles* tas-Sindku u dak tas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi Shahpoor Bazergan ta ċekk lill-Kunsill ta €500 bħala kontribut għax-xogħol li sar f`Wied Siekel mill-Kunsill peress li s-Sur Bazergan għandu r-residenza fl-istess post.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi saret it-talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex il-bozza li ssemmiet fil-kontinwazzjoni tat-tielet laqgħa tal-Kunsill issir f`tarf Triq l-Isptar San Ġiljan.

Is-Sindku attenda għall-kontra-eżami ta` Pawla Cassar fid-dar tagħha dwar il-kawża li għamlet lill-Kunsill dwar *roadhump* fi Triq tal-Għajn.

Is-Sindku attenda għaċ-ċerimonja fl-okkażjoni tal-44 anniversarju mill-kisba ta` l-Indipendenza. Din saret taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi fi Pjazza Indipendenza fil-Belt Victoria.

Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef attendew għall-quddiesa fil-Knisja Parrokkjali f`għeluq l-ewwel anniversarju tan-nomina tal-Kappillan il-Kan. Lino Vella.

Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa illi fl-okkażjoni taż-żwieġ tal-Kunsillier Horace Micallef jintbagħat bukkett fjuri lill-għarusa tiegħu u tingħata replika tal-Għajn il-Kbira lilu. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll illi tingħata replika oħra lill-Kunsillier Victor Cefai. Is-Sindku qal illi peress li l-Viċi-Sindku ma kienx ingħata replika tal-Għajn il-Kbira meta spiċċa mill-ewwel Kunsill dan għandu jingħata waħda. Dakinhar il-Kunsill ma kienx ta repliki lil ħadd. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi-Sindku qal ukoll illi SportsFest mhix ser issir din is-sena peress li ma kienx hemm żmien biżżejjed. Il-Kunsill qabel illi għal sena oħra jaħseb kmieni u jkun hemm aktar pubbliċita`.

Il-Viċi-Sindku talab illi jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

Is-Sindku qal illi dwar l-ittra li kellha tintbagħat lill-Pulizija huwa kellem lill-Ispettur Josric Mifsud fejn infurmah illi diġa qed isiru r-rondi u għaldaqstant l-ittra m`hemmx għalfejn tintbagħat.

Is-Sindku qal illi sar il-kejl tax-xogħol li għamel il-kuntrattur Nicky Saliba fl-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku minn Charlton, impjegat fl-Uffiċċju tal-Perit Attard Montalto. Attendew is-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap.

Saret il-ħarġa għat-tfal f`Malta. Żorna l-gżejjer ta` San Pawl, dawra bit-trejn fl-inħawi ta` l-Imdina, Rabat u Mtarfa u l-kampanja fl-inħawi tar-Rabat u Għar Lapsi fejn it-tfal ħadu għawma. Attendew 28 tfal u 22 adulti fosthom is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-

Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef. Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa soċjo-kulturali f`Malta f`Ottubru għar-residenti. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Amministratur Parrokkjali Fr. Alex Refalo talab skuża peress li għal SportsFest il-Kunsill, bi żball, ma ġiex mistieden.
Wara x-xita qawwija li għamlet sar it-tindif tal-Għejjun mill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll sar xogħol ta` manutenzjoni kull fejn kien hemm bżonn u nqalgħu lampi qodma minn fejn kienu twaħħlu l-fanali rustiċi ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u wara s-Sagristija. Saru wkoll linji ġodda tad-dawl fi Triq tal-Għajn għall-fanali mill-Korporazzjoni EneMalta.
Twaħħlu wkoll l-ittri tal-*Playing Field* li ġew vandalizzati xi ġimgħat ilu, kif ukoll l-ilment ta` Jason Attard fejn ġiet imċekkna l-kaxxa tad-diżabilita`, peress li ma kienx hemm għalfejn tkun kbira.
Is-Sindku qal illi dwar ir-restawr tal-Għajn ta` Bendu l-Perit John Saliba bagħat il-*Method Statement* lill-MEPA mħejji mill-Perit Ivana Farrugia. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minkejja li l-Perit Saliba kien infurmah biex jiltaqgħu kemm il-darba dwar l-applikazzjoni biex tinbena replika tal-Għajn tal-Loġoġ, dan baqa` ma sarx minkejja li għaddew xhur. Is-Sindku ppropona, u sar qbil, illi jekk dan ma jsirx fil-ġranet li ġejjin tiġi mqabbda l-Perit Ivana Farrugia.
Is-Sindku ppropona li jsiru korsijiet tal-ganutell u bizzilla mill-Kunsill fis-Sala tal-Komunita`. Sar qbil illi jsiru bi ħlas ta` €2.33 kull lezzjoni. Għandha tintbagħat formula f`kull residenza.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi hija ġiet infurmata mill-*Homestar Ltd.* li l-istima tal-kontraporti hija bil-panew. Is-Sindku qal li staqsa lil Paul Galea dwar il-prezz mitlub u dan infurmah li ma jiswewx iżjed minn €190 u €210 il-waħda. Il-Kunsill qabel li ġie mitlub prezz għoli, minbarra li hemm il-problema taċ-ċumbatura tat-twieqi biex ikun jista` jsir il-panew.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm ammont ta` ħela t`ilma fil-latrina pubblika peress li kien hemm *flushing* bil-ħsara. Konsegwentament l-ilma kien ħiereġ lejl u nhar. Dan ġie rranġat dan l-aħħar.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-Korporazzjoni EneMalta xegħlet il-lampi li twaħħlu f`*Fontanella Gardens* mill-iżviluppaturi. Xi żmien ilu l-Kunsill kien għamel l-applikazzjoni għal dan il-għan u l-iżviluppaturi ħallsu l-miżata.

Il-laqgħa ntemmet fis-5.45 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 20 t` Ottubru 2008 fis-1.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |